



Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

11781/25

Fajl Interistituzzjonal:
2025/0224(NLE)

FISC 192
ECOFIN 1029
AND 7

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn I-Unjoni Ewropea u I-Prinċipat ta' Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim

bejn l-Unjoni Ewropea

u l-Prinċipat ta' Andorra

dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji

sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagraphu, il-punt (b), u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagraphu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ L-opinjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali² ("il-Ftehim") tejjeb l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet fiskali bejn il-Partijiet Kontraenti u tejjeb il-konformità fiskali internazzjonali.
- (2) Ġew approvati bidliet importanti fl-Istandard Komuni ta' Rapportar (CRS) tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi fil-livell internazzjonali fis-26 ta' Awwissu 2022 u dawn ġew inkorporati fil-legi tal-Unjoni permezz tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226³, li emendat id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE⁴.
- (3) Għalhekk, il-Ftehim jeħtieġ li jiġi emendat biex jiġi żgurat li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-Prinċipat ta' Andorra ("Andorra") ikun allinjal mas-CRS aġġornat mill-1 ta' Jannar 2026 u jkompli jsir f'konformità miegħu.

² ĠU L 359, 4.12.2004, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2004/828/oj.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 tas-17 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L, 2023/2226, 24.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2226/oj>).

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tkompli id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/16/oj>).

- (4) It-test tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali ("il-Protokoll Emendatorju "), li huwa r-riżultat tan-negozjati, jirrifletti kif xieraq id-direttivi ta' negozjati maħruġa mill-Kunsill.
- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/...⁵⁺, il-Protokoll Emendatorju ġie ffirmat fi ... [data tal-iffirmar], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (6) Jenħtieġ li l-Protokoll Emendatorju u d-Dikjarazzjonijiet Konġunti mehmuża miegħu jiġu approvati fisem l-Unjoni.
- (7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/... ta' ... dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' referenza għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 11782/25 u imla n-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti..

⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffīċċi u aġenzijsi tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

- (8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/625/UE⁷ ddikjarat li, għall-attivitajiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, Andorra hija meqjusa li tiprovdli livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali ttrasferita mill-Unjoni. Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-15 ta' Jannar 2024 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-ewwel rieżami tal-funzjonament tad-deċiżjonijiet ta' adegwatezza adottati skont l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE jikkonferma li Andorra għadha tiprovdli livell adegwat ta' protezzjoni għad-data personali ttrasferita mill-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/625/UE tad-19 ta' Ottubru 2010 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata tad-data personali f'Andorra (ĠU L 277, 21.10.2010, p. 27,
ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2010/625/oj>).

⁸ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU UE L 281, 23.11.1995, p. 31,
ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1995/46/oj>).

Artikolu 1

Il-Protokoll Emendoratorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni⁹.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar id-dħul fis-seħħħ tal-Protokoll Emendoratorju, id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar il-Ftehim u l-Annessi u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti dwar l-Artikolu 5 tal-Ftehim huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħħ fid-data tal-adozzjoni tagħħha¹⁰.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

⁹ It-test tal-Protokoll Emendoratorju huwa ppubblikat fi ... [daħħal ir-referenza tal-ĠU].

¹⁰ Id-data tad-dħul fis-seħħħ tal-Protokoll Emendoratorju ser tīgi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.